MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 504/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Pace**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Mario Pace talli fl-1 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta ta' bejn 20.45 hrs u 21.00 hrs fi Triq il-Kbira f'Ħal-Qormi:

(1) kiser il-bon ordni u l-paċi pubbliku b'għajjat u ġlied;
(2) insulenta u hedded lil Bernice Pace;
(3) qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;
(4) involontarjament għamel ħsara fuq vettura numru PAU-222 li tgħajjat lil Joseph Fenech li huwa missier Bernice Pace liema ħsara ma taqbiżx €303;

(5) saq vettura bin-numru GBJ207 tal-għamla Suzuki b'mod perikoluż, traskurat u negliġenti.

Il-Qorti ġiet mitluba li sabiex, barra mill-piena skond il-Ligi tiskwalifika lil appellant mill-Licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien li jidrilha xieraq fic-cirkostanza kif ukoll tapplika l-Art 383 tal-Kap. 9 ghas-sigurta` ta' Bernice Pace.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(dd), 339(1)(e), 338(bb) u 328(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll l-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi Mario Pace ħati tal-ħames (5) imputazzjoni u lliberatu minnha, iżda sabitu ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' (4) imputazzjonijiet, u ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni favur Bernice Pace għal perijodu ta' sentejn ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Mario Pace pprezentat fl-1 ta' Dicembru 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull ħtija u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Mario Pace huma s-segwenti: (1) li ma kien hemm l-ebda prova konvinċenti dwar il-ħsarat. Din kienet invenzjoni ta' Bernice Pace. Kieku kien hemm prova indipendenti dwar it-tip ta' ħsara li kienet tidher fiż-żewġ vetturi u li jikkombaċjaw ma' xulxin, stante li kienu vetturi ta' kulur differenti, allura wieħed jgħid li l-verżjoni ta' Bernice Pace kienet korroborata; (2) li l-istess jingħad dwar dak li ġara l-għassa. Bl-ebda mod ma hedded lil martu, anzi kien qiegħed jinsisti magħha illi tirritorna lejn id-dar ghaliex hu kien qed jgħidilha l-kliem, allavolja kien jaf ma' min kienet, xorta riedha lura; (3) li f'dan il-każ kien hemm konflitt essenzjali tal-provi; (4) li l-

prinċipju tal-prova mingħajr dubju raġjonevoli u li l-piż tal-prova taqa' fuq il-prosekuzzjoni ġew injorati kompletament f'dan il-każ.

**6.** L-aggravji ta' l-appellant jirrikjedu apprezzament mill-ġdid tal-provi. Din il-Qorti semgħet il-provi mill-ġdid u għalhekk kellha l-oportunita` tosserva l-komportament tax-xhieda. Bħalma jiġri f'ħafna każijiet, hawn għandna konflitt ta' provi, iżda kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, **"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"**[1].

**7.** Issa, dwar il-ħsara fil-vettura, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni biex ma temminx dak li qalet Bernice Pace dwar kif ġrat il-ħsara fil-vettura li kienet qed issuq. Frankament l-appellant ma xehedx b'wisq konvinzjoni bl-ispjegazzjonijiet li ta biex jipprova jsostni ċ-ċaħda tiegħu li laqtilha l-vettura. Bernice Pace xehdet li wriet il-ħsara li sofriet fil-vettura tagħha lill-Pulizija. Fir-rapport tal-Pulizija li thejja minn P.S. 1141 Noel Tanti (ara affidavit a fol. 10 u rapport a fol. 12 – 14) jirriżulta li Bernice Pace qaltilhom *a tempo vergine* li l-vettura li kienet qed issegwiha (u li kienet misjuqa mill-appellant) ħabtet magħha, u li l-appellant ċaħad li kien laqatha. Fir-rapport tniżżel hekk: *"The damages on her vehicle are on the rear right mudguard and the police saw if there were any damages on the other vehicle where it was proved that vehicle Reg. No. GBJ-207 did not have any damages.*" Quddiem din il-Qorti Bernice Pace xehdet illi l-appellant kien laqatha bil-lastku u ma kellu l-ebda ħsara f'tiegħu. L-appellant fil-fatt ikkkonferma li mal-*bumper* tal-vettura tiegħu hemm il-lastku. Għalhekk l-ewwel aggravju huwa miċħud.

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

**8.** Dwar it-tieni aggravju l-appellant għandu raġun peress illi mix-xiehda li tat Bernice Pace ma jirriżultax li l-appellant heddidha.

**9.** Dwar l-imputazzjoni li qal kliem oxxen konsistenti f'dagħa, Bernice Pace qalet illi kien qiegħed jidgħi meta kellimha minn fuq il-*mobile* waqt li kien qiegħed isuq iżda jekk dagħa fl-għassa ma tiftakarx. P.S. 1141 Noel Tanti ma jsemmi xejn dwar dagħa. Fil-fehma tal-Qorti, ġaladarba l-appellant kien qiegħed fil-vettura tiegħu iżda fil-pubbliku, din l-imputazzjoni tirriżulta. Bħalma tirriżulta wkoll mill-provi l-ewwel imputazzjoni.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-imsemmi Mario Pace ħati li hedded lil martu Bernice Pace u minflok tiddikjarah mhux ħati li hedded lill-imsemmija Bernice Pace u minn tali imputazzjoni (parti mit-tieni imputazzjoni) tilliberah, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------